

Brussell, 29 ta' April 2015  
(OR. en)

8443/15

ENV 252  
MI 282  
DELECT 42

**NOTA PUNT "I/A"**

|                |                                                                                                                                                                                                                                                               |
|----------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:          | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                              |
| lil:           | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                 |
| Nru dok. Cion: | 8108/15 ENV 227 MI 243 DELECT 34 - C(2015) 2067 final + ADD 1 - Annex 1                                                                                                                                                                                       |
| Suġġett:       | Direttiva Delegata tal-Kummissjoni .../.../UE tal-31.3.2015 li temenda l-Anness II għad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' sustanzi ristretti<br>- Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet għal att delegat |

1. Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-att delegat imsemmi hawn fuq <sup>1</sup> f'konformità mal-proċedura li tinsab fl-Artikolu 290 TFUE u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku <sup>2</sup>. Peress li l-Kummissjoni nnotifikat l-att delegat fil-31 ta' Marzu 2015, il-Kunsill jista' joġġezzjona għalih sal-31 ta' Mejju 2015.

<sup>1</sup> Dok. 8108/15 + ADD 1.

<sup>2</sup> ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-att delegat u qabel li ma hemm l-ebda raġuni biex il-Kunsill joġġezzjona għalih.
  3. Għaldaqstant, huwa ssuġġerit li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma għandu l-ebda intenzjoni li joġġezzjona għall-att delegat u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu mgħarrfa b'dan. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih, l-att delegat għandu jiġi ppubblikat u jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva Delegata.
-